Dawk ix-xkejjer kienu jfissru għilt, ġlied, taqbid, ħjiena, ħruxija, drib, uġigħ, dwejjaq, mewt: iżda ż-żerriegħa tal-ħajja minn dan kollu ma għarfet xejn, u malli waslet newbitha, fetħet sidirha u qalbha u minn hemm ħarġu—poeżija tal-Ħajja—il-ħaxixa wil-warda.

Poeżija tal-Ħajja! Hekk u xejn anqas: kif il-warda hija l-poeżija tal-ħajja tal-ġonna, hekk il-poeżija hija l-warda tal-ħajja letterarja. Qegħdin fi żmien ta' gwerra, żmien aħrax, meta bosta nies ta' l-ibliet kellha taħrab minn djar imġarrfa, jew imheżhża bl-ikreh, u tmur tingabar jew titrekken fi djar oħra fil-bogħod, dojoq u ċkejkna, sewwa sew kif il-ħamrija kellha tinfired mill-beraħ tar-raba' fejn kienet tħammar u tintrass ġo xkejjer dojoq biex tinġarr fi mkejjen fejn hemm l-aħrax taż-żonqor u d-dell ta' ħitan għajjura tas-sħab.

B'dana kollu l-poeżija maltija baqgħet ixxenxel, tarmi, twarrad u tfuħ.

La hemm il-ward hemm il-ħajja.

---

Prof. Kan. G. THEUMA-RELF, B.A., D.D., J.C.D., B.L. Can., S. Sc. L.

*Imut żagħżugħ min is-Sema jħobbu.*

"Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" tilfet membru akkademiku ieħor: il-Prof. Can. G. Theuma-Relf. Il-mewt, mis-toħbija fil-bombi qerrieda mwaddba mill-egħdewwa tagħna, ħasdet il-ħajja sabiħa ta' wieħed li ssagrifika żmienu u saħħtu sabiex jgħallem iż-żgħażagħ il-ħaqq, is-sewwa u l-imħabba t'Alla. Miet meta kien għad kellu 31 sena, imma l-ħidma tiegħu għad tibqa' miftakra u tibqa' tiswa ta' ġid.

Insibu kitba letterarja tiegħu f'*Leħen il-Malti*, u wkoll fl-Antoloġija 'Ward ta' Qari Malti', maħruġa mill-Professuri P.P. Saydon u Ġ. Aquilina.

# MI-KA-EL

## (Quis ut Deus)

"Min bħal Alla?" nsama' jidwi
Fl-iżjed għoli tas-Smewwiet:
Kien bħal-leħen ta' tempesta
Leħen dawk it-tliet kelmiet.

"Min bħal Alla?" u qtajja' qtajja'
Rwieħ mixgħula b'dawl is-sliem
Daru sfieq u għalenija
Ma' min lissen dak il-kliem.

Bla ma tqanqal mis-skiet tiegħu
Ħarsa xeħet il-Mulej,
U ra kollox f'leħħa waħda,
Dak li għadda u dak li ġej.

Leħen ieħor stama' jidwi,
Bħal ta' ragħda fil-widien:
"Sal-Kbir Alla jien nixxabbat
U nkun bħalu: Alla u Jien."

U madwar Luċifru mkabbar
B'nar il-Qilla mixgħulin,
Qtajja' rwieħ inġabru w għajtu:
"Aħna miegħek imxirkin."

Bla ma tqanqal eċċ.

Bdiet taqbida: qishom vleġeġ
Bdew jissallbu l-ħsebijiet,
U bħal xrar ħarriebi jleħħu
Ta' kull rieda t-tqanqiliet.

Ta' Luċifru l-ġenb lemini
Beda jerħi . . . xxejjer . . . miel:
Wiċċu xemx, ħafif bħal berqa
Deh'r fuq l-għadu San Mikiel.

Bla ma tqanqal eċċ.

DUN KARM